MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010

Numru 501/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**VS**
***OMISSIS A***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *Omissis A*, iben *omissis*, imwieled *omissis*, residenti *omissis* u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru *omissis.*

Illi huwa akkuzat talli fi *omissis*, *omissis* limiti ta’ *omissis* u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer nhar il-21 ta’ Mejju, 2009;

1. b’eghmil zieni, kkorrompa lil bintu minuri *Omissis B*;
2. ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuna ta’ taht l-eta’ u cioe ma’ bintu *Omissis B*;
3. bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li

jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, cioe lil bintu *Omissis B*, kontra l-volonta' taghha, u dan biex toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
4. offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi minn issa tapplika l-provedimenti tal-Ligi a terminu ta' l-Artikolu 412C et sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta' protezzjoni tenut kont tar-reati adebitati u c-cirkostanzi ta' membru domestiku.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni nvoluta u l-familja taghha ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.291) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 23 ta' Marzu 2010 (a fol.290) fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe mix-xhieda ta' l-Ispettur Priscilla Caruana (a fol.25) jirrizulta illi fil-21 ta' Mejju 2009 il-Pulizija ta' l-Ghassa ta' Birzebbugia gew infurmati, b'mod anonimu, li ragel b'karozza *Omissis*, fl-inhawi ta' *Omissis* kien qed jabbuza sesswalment minn tifla li kienet qeghedha fil-karozza tieghu u li t-tifla kienet qed tigi mrazzna permezz ta' *tape kannella* (ara fol.27). Il-Pulizija waslu fuq il-post, kwazi b'mod immedjat, u sabu din il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni *Omissis*, f'dawn l-inhawi, tifla b'ghajnejha homor, qeghedha tibki. Minn

tfittxija minn vettura, gie misjub u elevat, roll *tape* kannella u qalziet ta’ taht tan-nisa gewwa d-*dash board*. Spettur Priscilla Caruana sejhet immedjatament il-Vice Squad u waslet fuq il-post WPC 246 u Ufficjali femminili ohra tal-Vice Squad, li hadu hsieb lit-tifla u cioe lil *Omissis B* ta’ *omissis* (*omissis*)-il sena li giet eskortata d-Depot tal-Pulizija. Ir-ragel u cioe l-imputat, misjub fil-karozza, informa lil Pulizija illi hu ma kien qed jaghmel:

*“Xejn. Konna hemmehkk u gew il-Pulizija fuqna.”*

L-imputat gie arrestat minnufih.

Spettur Priscilla Caruana u Spettur Graziella Muscat investigaw lill-imputat li rrilaxxa stqarrija, fejn qal illi filghodu kien baghat lit-tifla bil-*private* l-iskola u xi nofsinhar,*“Tah estru.”* Fl-istqarrija tieghu (Dok.GM1 a fol.7 et seq.) l-imputat jghid illi kien beda jibghat lit-tifla l-iskola, bil-*private*, *“Sabiex ma twaqqanix ghat-tentazzjoni.”* (ara fol.8) Din it-tentazzjoni kienet qed tikkonsisti li din it-tifla kienet tilbes qasir u allavolja kien javzah li hu tad-demm u tal-laham, hi ma kinitx taghti kaz. Huwa stqarr illi t-tentazzjoni kienet ilha fuqu xi xahar u fil-fatt anke martu indunat li kellu xi haga fuq mohhu u bdiet titolbu jghidilha jekk kellux xi problema.

L-imputat, fl-istqarrija tieghu, jghid is-segwenti:

*“Ilbierah tani estru, ghall-habta ta’ nofsinhar. U mort nigbor it-tifla mill-iskola, meta nghid it-tifla nkun qed nirreferi ghal Omissis B. Dhalt l-iskola u kellimt xi wahda mara, ghidtilha li kelli niehu l-mara l-isptar sabiex Omissis B tigi mieghi halli toqghod mat-tifla z-zghira. Umbaghad talbitni niffirma karta, u t-tifla gie mieghi bil-basket. Rikbet fil-karozza tieghi, soqt lejn id-dar taghna, u jiena staqsejtha jekk tridx li mmorru dawra, u hi qaltli “mhux id-dar ghidtli li sejrin, ghax il-mummy gieha hafna demm?” U jiena ghidtilha le li ma kienx vera u ghidtilha li konna sejrin dawra. Gbidt ghat-triq lejn omissis, tlajt mit-triq li taghti ghal omissis u gbidt lejn omissis. Fit-triq jiena bdejt nghidilha li kelli bzonn pjacir minn ghadha” just kemm ingerrih” u hi qaltli “Pa x’inti tghidli, jiena nhobbok u*

*tghamillix hekk, kieku thobbni ma taghmillix hekk." Jien dhalt minn hemm ghax kien minghalija li tinfed. Ipparkjajt u bdejt nghidilha "u ejja u ejja." Jiena bqajt bil-qeghda fuq is-seat tax-xufier u hi fuq is-seat tal-passiggier. It-tifla bdiet tibki u tistaqsi ghalfejn bdejt nghamlilha hekk, nahseb domna madwar ghaxar minuti."*

L-imputat stqarr li bintu bdiet tibki u titolbu biex jieqaf. L-imputat stqarr illi huwa dahhal idejh fil-parti genitali tieghu u beda jimmasturba, nizzel is-*seat* tal-karozza tieghu, ghamel idu fuq l-ispalla ta' bintu. Huwa, aktar tard, espona l-parti genitali tieghu u beda jimmasturba halli jkollu erezzjoni:

*"It-tifla ma stajtx nahxiha ghax ghadha vergni."*

Huwa stqarr illi huwa talab lil bintu tinza', izda din ma riditx u kien qalilha hekk xi darbtejn:

*"Damet tghidli u tibki u tistaqsini ghalfejn kont qed naghmel hekk."* (ara fol.9)

Mitlub jghid jekk messx lil bintu, l-imputat stqarr li:

*"Qbadtilha saqajha fit-triq waqt li qed insuq, mhux meta konnha pparkjati."* (a fol.9)

Mitlub jghid, kemm-il darba, urihiex it-*tape* il-wiesa kannella, l-imputat stqarr illi dan ma messux u dejjem kien fil-*glove compartment*. Mitlub jghid, jekk ipprova jitla' fuq bintu, jirrispondi:

*"Le jien mitluq kont bit-tifla fuq sidri."* (ara fol.10)

Mitlub jghid jekk kinitx qed tissra bintu dak il-hin, l-imputat jirrispondi:

*"Iva t-tifla bdiet tipprova tqum, bdiet tissara, bdiet tghid 'hallini pa, x'int taghmel b'idek, ghalfejn qed taghmilli hekk?'"*

L-imputat zied jghid illi huwa kien qabdilha l-parti privata taghha u kien hemmhekk illi hareg il-parti genitali tieghu minn gewwa s-*shorts*.

Spettur Caruana xehedet illi l-imputat stqarr illi huwa nforma lil *Omissis B* illi ommha kienet qed tara hafna demm u li kienet ittiehdet l-isptar. In kontro ezami, l-Ispettur Caruana xehedet li l-imputat ma rrezistix l-arrest u li kkolabora bis-shih mal-Pulizija fit-tieni jum ta' l-arrest tieghu. Spettur Caruana ikkonfermat (a fol.28) illi t-tifla, pero', qatt ma qaltilhom illi missierha rabatha bit-*tape*.

Spettur Graziella Muscat (a fol.31) ikkonfermat ir-rapport u li **l-informazzjoni anonima kienet fis-sens li dan l-aggressur kellu *tattoo* f'idu, felula vicin il-parti privata tieghu, li din it-tifla kienet marbuta b'*tape* kannella u li kienet issejjah lil dan l-aggressur bil-kliem, 'Pa'.** Ghalhekk intbaghtu l-Pulizija tal-Mobile Unit: PC 313, PC 405, u Pulizija tad-Distrett: PS 1434, PS 447 u PC 816, fuq il-post. Spettur Graziella Muscat ikkonfermat illi l-Pulizija tal-Mobile Unit kienu l-ewwel li waslu fuq il-post. Spettur Muscat accediet fuq il-post, sabet lil din it-tifla b'ghajnejjha homor u gie elevat roll *tape* kannella bhala l-ezebit Dok.GM. L-imputat kien arrestat u appartat u li qal lill-Ispettur li ma kien ghamel xejn. Spettur Muscat kellmet lil *Omissis B* li kienet tidher taht xokk. Ikkonfermat li missierha kien harigha mill-iskola ghaliex kellu jiehu lil ommha l-isptar u minflok hadha d-dar, hadha *Omissis*, vicin l-'*Island Sanctuary'*. It-tifla nfurmat lil Pulizija li l-imputat kien ghorkilha l-parti privata taghha, li l-minuri bdiet tisthi imma ma wegghatx hlief meta beda jiggoffa maghha. Infurmatha wkoll illi meta l-imputat kien qed joghorkilha l-parti privata taghha, hu kien qed jaghmel xi haga fuq il-parti tieghu. Spettur Muscat ikkonfermat illi hija hadet dikjarazzjoni minghand *Omissis B*. Spettur Muscat ikkonfermat li din it-tifla qaltilha li meta missierha gabarha mill-iskola, qalilha biex ma tilbisx is-*seatbelt*. Illi minflok mar id-dar, hadha fil-post fejn sabuhom il-Pulizija, ipparkja u qalilha biex tnehhi s-*seatbelt*. Missierha nizzel il-qalziet u baqa' bil-*boxer shorts* u ftit wara nizzel il-*boxer shorts* ukoll 'l isfel. Nehhilha l-flokk li kellha u nizzlilha l-*bra top* sa

qaddha. Hi bdiet twerzaq u talbitu jhalliha u mar fuq is-*seat* taghha u beda jbusilha wiccha:

*"Is-soltu jbusni l-papa imma differenti l-bews ta' missieri minn kif kien qed ibusni dakinhar."* (ara xhieda a fol.34)

It-tifla bdiet tghajjat u tibki u missieri **qalilha li jekk ser tibqa twerzaq, kien ser jaghmlilha t-*tape* ma' halqha u fil-fatt qatta bicca *tape* mill-roll**. Kompla jghidilha biex tinza gharwiena izda t-tifla rrifjutat. It-tifla stqarret illi xorta wahda missierha kien nehhielha l-qalziet ta' taht u qalet illi beda jhokkilha l-parti privata taghha u beda jimmasturba ruhu skond l-azzjonijiet illi spjegat din it-tifla. Imbaghad din it-tifla rat xi haga bajda mal-parti tieghu. Wara dan qalilha, ***"Jiddispjacini li ghamiltlek hekk, zgur li mhux ser nerga' naghmilha,"*** u qalilha biex tilbes. **Missierha qalilha wkoll illi fis-saghatejn kien ser iwassalha lura d-dar. Dan kien il-hin normali illi hi tirritorna d-dar mill-iskola.**

Giet imsejha inkjesta u gew nominati diversi esperti.

Gie ezebit ic-certifikat tat-twelid tal-minuri (a fol.40) u r-roll *tape* u l-bcejjec ta' hwejjeg li gew elevati mix-xena ta' l-allegat delitt.

Marica Mifsud ezebit il-process verbal.

PS 198 Arthur Debattista (a fol.64) ezebixxa r-relazzjoni tieghu, cioe sett ta' ritratti (Dok.AD1 sa Dok.AD11).

PS 695 Jeoffrey Hughes ezebixxa r-relazzjoni (Dok.JH) u r-ritratti (Dok.H1 sa Dok.H12)

PC 199 ikkonferma r-rapport anonimu illi sar f'dan il-kaz (ara fol.89 sa fol.91)

Jonathan Gatt (a fol.92) xehed ai fini tal-liberta provizorja.

*Omissis B* (a fol.97) tat it-testimonjanza taghha. Illi xehedet illi kienet ghadha kemm ghalqet it- *omissis* (*omissis*)-il sena u kienet skonvolta hafna waqt din it-

testimonjanza. Ikkonfermat illi missierha kien harigha mill-iskola u gie rikkibha fil-*Omissis*. Illi ma marrux id-dar, izda waqqafha f’post partikolari u hi bdiet theggu biex imorru d-dar, stante li ommha suppost kienet marida. *Omissis B* xehedet illi hija kienet liebsa t-*track-suit* ta’ l-iskola u li missierha kien nezzalha t-*top* tat-*track-suit* u li hi kienet liebsa *crop-top (*speci ta’ *brasiere* ghal tfajliet zghar). Hija xehedet illi missierha kien nizzel is-*shorts* sa rkupptejh u hi bdiet tibki. A fol.101, *Omissis B* xehedet illi missierha ghollielha l-*crop-top*, imbaghad beda jmissilha l-parti privata taghha b’idejh. Il-minuri xehedet illi l-imputat nizzel il-qalziet ta’ taht tieghu wkoll u espona l-parti privata tieghu, imbaghad beda, *“Icaqalqu.”*

*Omissis B* xehedet illi missierha kien nizzlilha l-qalziet tat-*track-suit* u anke l-qalziet ta’ taht u li dawn nizlu sa koxxtejjha u li mbaghad beda jmissilha l-parti privata taghha. Dan l-incident dam xi ghaxar (10) minuti, hija kienet qeghedha tibki, tghajjat u tghidlu biex ihalliha u ftit wara waqaf. Mistoqsiha fuq ir-roll tat-*tape*, *Omissis B* xehedet (a fol.104):

> *“F’hin minnhom naf li hargu (ir-roll tape), bdejt nghajjat. Biex ibezzani nahseb u qalli biex ma nghajjatx aktar ghax jorbotli halqi u hekk. Imma mbaghad daqshekk, dahlu* (ir-roll *tape) jigifieri.”*

*Omissis B* xehedet illi missierha, fil-fatt, ma uzahx it-*tape*, izda bezzaghha bih. A fol.105, il-minuri xehedet illi wara li beda jimmasturba, *“Hareg qisu tikka likwidu,”* mill-parti tieghu. Il-minuri xehedet illi hija pprovat tiftah il-karozza izda ma rnexxiliex. Ikkonfermat illi kien hemm *central-locking system* fil-karozza ta’ missierha. Hija xehedet illi wara dan l-incident, missierha qalilha:

***“Issa ommok jekk tghidlek xi haga, qisek gejt mill-iskola normali.”*** (ara fol.107).

Ghal rigward ta’ l-azzjonijiet illi sehhu fil-karozza, l-minuri xehedet illi missierha beda jghidilha:

> ***“Ahfirli ahfirli. Ma nafx x’taghni.”***

A fol.107 u fol.108, il-minuri xehedet illi din kienet **l-ewwel darba** illi qatt graw dawn l-affarijiet ma' missierha. *Omissis B* xehedet illi hija kellha "*boyfriend"* wiehed meta kienet *Year 6* u li hi u l-*"boyfriend"* kienu hargu biss fi grupp minghajr ma lanqas zammu f'idejn xulxin. A fol.109, *Omissis B* xehedet illi kien hemm mument, waqt li kienu fil-karozza, li missierha attenta, ghal xi tlett (3) minuti (ara fol.124) illi jitla' fuqha, izda hi bdiet tressqu u hu mbaghad qaghad fis-*seat* tieghu.

Il-minuri xehedet illi missierha bisila haddejha, cioe vicin halqha, izda hija dawret wiccha ghax ma riditux ibusha fuq xufftejha (ara xhieda a fol.110 u fol.111).

**Il-minuri hafret lil missierha.** Il-minuri tat deskrizzjoni tad-dar taghhom u tad-dixxiplina illi biha trabbew.

A fol.119, *Omissis B* xehedet illi hija, waqt l-incident, ipprovat tiftah il-bieba tal-karozza darba wahda biss u ma rnexxiliex, li kienet ghajjiena, pero' meta waslu l-Pulizija, irnexxielha tiftah il-bieba minghajr ebda diffikulta'. A fol.127, il-minuri xehedet illi l-imputat kien akkarezzalha l-parti genitali taghha.

Il-Qorti rat l-ezenzjonijiet (fil-verbal a fol.140) maghmula mid-Difiza.

Dr. Marisa Cassar ezebiet u kkonfermat ir-relazzjoni taghha. Dr. Marisa Cassar ikkonfermat il-konkluzjonijiet taghha (a fol.145).

Spettur Graziella Muscat (a fol.147) ezebiet (Dok.GMX) kopja ta' *ledger* ta' l-iskola li juri li l-imputat iffirma sabiex johrog lil bintu *Omissis B* barra fil-hinijiet ta' l-iskola.

Josianne Simione (a fol.150) segretarja ta' l-iskola tal-minuri, ikkonfermat Dok.GMX

*Omissis C* (a fol.153), omm il-minuri, xehedet illi gia' la darba bintha kienet hafret lil missierha, allura hi kienet haffritlu wkoll. Iddikjarat li bintha ma tibzghax minn

missierha u thobbu daqs kemm thobb lilha. *Omissis C* deherilha illi ma kellhiex ghalfejn tiehu lil bintha ghand psikologa, addetta ma' l-Appogg, il-ghaliex it-tifla kienet sejra tajjeb.

PC 313 Domenic Busuttil, addett mal-Mobile Squad, ikkonferma li kien imsejjah jaccedi *Omissis*, wara rapport ta' abbuz sesswali minn ragel fuq bintu stess. Huwa kkonferma x-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur u gharaf lill-imputat. PC 313 ikkonferma s-sejba ta' roll *tape* kannella, izda ma sabx bicciet imqatta minn dan it-*tape;* sab ukoll qalziet ta' taht tan-nisa.

PC 405 Jason Schembri kkonferma x-xhieda ta' PC 313 Domenic Busuttil. Ikkonferma li apparti t-*tape*, sabu qalziet ta' taht tan-nisa.

WPS 245 Diane Cassar ikkonferma illi hija marret fuq il-post in segwitu ta' rapport fuq abbuz sesswali ta' tifla. WPS 245 ikkonfermat li t-tifla qaltilha li missierha:

***"qalilha biex tinza u neza' huwa wkoll baqa' bil-boxer shorts, beda jmissilha l-parti taghha u hu beda jmiss il-parti tieghu u kif qalet it-tifla beda jgholliha 'l fuq u 'l isfel il-parti tieghu. Qallha wkoll biex tinza, kellha bra top u nezghet ic-cingi imma baqghet bil-bra top, nizlilha bhala cinturin qalet, bdiet tibki hafna u tghajjat. Imbaghad baqa' jilghab bil-parti tieghu sa kemm qalet li hargitlu xi haga bajda mill-parti tieghu."*** (ara xhieda a fol.177 u fol.178)

WPS 245 Diane Cassar ikkonfermat illi **t-tifla giet mhedda illi, jekk tibqa tghajjat, missierha kien ser jaghmlilha t-*tape* ma' halqha.**

PC Adrian Lia kkonferma illi huwa wettaq is-*search* fuq *Omissis* bin-numru tar-registrazzjoni *omissis*, flimkien ma' WPS 245 Diane Cassar.

Dr. Mario Scerri ezebixxa Dok.MS u kkonfermah.

*Social Worker*, Rodianne Borg, ikkonfermat li l-minuri kienet diga' tkellmet mal-Pulizija u allura ma riditx terga' tghid l-istorja, izda l-minuri qaltilha **li darba biss grat**. Ikkonfermat illi omm il-minuri, *Omissis C*, **kienet *in absolute denial* fuq dak li gara lit-tifla taghha** (ara a fol.206)

A fol.207, Psikologa Anna Maria Mangion, ikkonfermat illi kien hemm *waiting-list* ta' hafna xhur sabiex *Omissis B* tircievi t-*treatement* taghha.

Karl Glanville (a fol.212) ezebixxa r-relazzjoni tieghu (Dok.KG1 sa Dok.KG).

Psikologa Dr. Roberta Holland ezebiet l-*assessment* taghha fuq l-imputat (Dok.RHZ) u ghamlet id-dijanjozi ta' *Paranoid Personality Disorder*, tat deskrizzjoni twila tal-karatteristici ta' din id-dizordni fl-imputat u talbet lil Qorti takkordalha aktar zmien sabiex tkun tista' tkompli ssegwi lill-imptuat u taghmel aktar verifiki.

Psikologu Kevin Sammut Henwood ezebixxa Dok.KS1. A fol.262, Kevin Sammut Henwood xehed illi **l-imputat sostna l-innocenza tieghu diversi drabi.** Ikkonferma illi l-imputat kien kontra l-abbuz sesswali, kien rigoruz fir-regoli u dixxiplina fid-dar u xehed illi l-imputat kien kuntent bir-relazzjoni sesswali ma' martu. Illi, fil-hames (5) intervent, pero', ammetta l-abbuz sesswali fuq bintu, **b'dana pero', li l-atti saru minn fuq il-hwejjeg.** Henwood xehed, pero', illi fis-sitt (6) intervent, l-imputat qal li kien mess il-parti intima ta' bintu, **b'mod accidentali,** il-ghaliex kien inqalalu l-gear *lever* tal-karozza u gie bejn saqajn bintu.

Joseph Agius (a fol.266) xehed rigward il-*Omissis* bin-numru tar-registrazzjoni *omissis* u qal illi kien fadallu jiehu xi elfejn euro (€ 2,000) fuq din il-karozza minghand l-imputat.

Spettur Graziella Muscat ezebiet ritratti Dok.XGM1, Dok.XGM2 u Dok.XGM3.

Carmen Delicata kkonfermat illi ***Omissis C* kienet qeghedha timinimizza l-problemi fil-familja taghha.**

Antonella Mizzi, *Councelling Psychologist* tal-minuri *Omissis B*, ikkonfermat illi l-minuri kienet mghobbiha b'sens ta' vergonja kbira u anka b'sens ta' htija ghaliex kienet konxja hafna tal-fatt li missierha qieghed taht arrest. Mizzi xehedet pero' illi t-tifla ghamlet aggustament tajjeb fl-iskola u bhalissa qeghedha tghix ghand in-nanna materna u li hemmhekk kien hemm aggustament tajjeb.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma jressaq ebda prova ohra.

Ikkunsidrat:

Illi mill-assiem ta' provi fuq indikati, l-Qorti hi tal-fehema illi l-kaz ta' abbuz sesswali da parti ta' l-imputat fuq bintu ta' *omissis* (*omissis*)-il sena maghluqa, gie pprovat lil' hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u dana ghal diversi ragunijiet, fosthom:

1) Illi l-Pulizija rcevew rapport anonimu minn persuna li rat xena terrifikanti ta' missier qed jabbuza minn bintu zghira, fejn kien hemm allegazzjoni illi ntuza roll *tape* kannella, fejn din it-tifla kienet qed tibki u tghid lill-aggressur taghha biex ihalliha u li kienet qed issejjahlu 'pa';
2) Illi kwazi minnufih, nizlu zewg (2) membri tal-Mobile Squad fuq il-post ta' l-incident, *Omissis*, u diversi membri tal-pulizija mill-Ghases ta' Birzebbugia u taz-Zejtun;
3) Illi sabu l-karozza ndikata u tifla b'ghajnejjha homor qeghedha tibki;

4) Illi fl-istqarrija, regina tal-provi, l-imputat ghamel ammissjoni piena ghal dak kollu li ghamel;
5) Illi *Omissis B*, b'riluttanza kbira hafna u fost hafna biki, ikkonfermat illi missierha abbuzaha sesswalment fil-karozza tieghu f'post espost ghal pubbliku, fejn gew misjuba mill-Pulizija u cioe f'*Omissis*.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa mixli taht l-Artikolu 203(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta:

**" 203. (1) Whosoever, by lewd acts, defiles a minor of either sex, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding three years, with or without solitary confinement:**

**Provided that the offence shall be punishable with imprisonment for a term from three to six years, with or without solitary confinement, in each of the following cases:**

**(a) *omissis***
**(b) if the offence is committed by means of threats or deceit;**
**(c) if the offence is committed by any ascendant by consanguinity or affinity, or by the adoptive father or mother, or by the tutor of the minor, or by any other person charged, even though temporarily, with the care, education, instruction, control or custody of the minor.**

**(2) The provisions of article 197(4) shall also apply in the case of an offence under this article, when the offence is committed by any ascendant or tutor."**

Il-Qorti trid tezamina, kemm-il darba l-azzjonijiet ta' l-esponar tal-genitalea tal-missier, l-esponar tal-genitali tal-

minuri, il-masturbazzjoni tal-missier fil-prezenza ta' bintu u l-mess tal-parti genitali tal-bint mill-missier jikkwalifikawx bhala atti di libidini jew *lewd acts* skond il-Ligi u jekk dawn kienux kapaci li jikkorrompu u fil-fatt ikkorrompewx din it-tifla ta' *omissis* (*omissis*)-il sena.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, ikkonfermat:

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'*

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*'Tifel ta' appena omissis-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'*

Din il-Qorti tifhem illi l-fatt li l-imputat espona l-parti genitali tieghu u nezza lil bintu biex espona l-parti genitali taghha, l-masturbazzjoni tieghu fil-prezenza ta' bintu u l-mess tal-parti genitali tal-minuri huma certament atti di libidini, kapaci li jikkorrompu tifla ta' *omissis* (*omissis*)-il sena.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

*'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

Fil-kaz in ezami, din it-tifla li kienet lanqas ghadha saret xebba, kienet biss "kellmet" lil "boyfriend" taghha, li harget mieghu ghal gurnata wahda, fi grupp ta' zghazagh tampara, minghajr qatt ma zammitlu jdejh jew bisitu, li ghaldaqstant fil-kaz in ezami, jirrizulta, li l-minuri kienet ghadha tifla innocenti. Il-Qorti setghet taghraf l-effett korrussiv u d-dannu emozzjonali enormi fuq din it-tifla, danni tangibbli li deher, bl-aktar mod lampanti, fl-imgieba ta' din it-tifla maghtul il-*video conference.*

Il-Qorti trid tezamina c-cirkustanzi aggravanti ghall-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni.

Il-fatt li l-imputat huwa missier il-minuri *Omissis B*, gie pprovat lil' hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, da parti tal-Prosekuzzjoni, li ezebiet, kemm ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat (ara fol.17) kif ukoll dak tal-minuri (ara fol.40) u dana apparti x-xhieda vivavoce tal-minuri u l-istqarrija ta' l-imputat li t-tnejn jaffermaw dan l-istat ta' fatt. Ghalhekk

zgur li jissussisti l-aggravju a tenur ta' l-Artikolu 203 (1) (c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat huwa wkoll mixli bl-agravanti ta' qerq u minaccja ai tenur ta' l-Artikolu 203(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-kaz in ezami, il-Qorti hi tal-fehema li l-korruzzjoni ta' din il-minorenni *Omissis B*, twettaq biz-zewg aggravanti kontemplati fis-sub, sub inciz b. Dan qed jinghad il-ghaliex l-imputat hareg it-tifla mill-iskola, fid-data indikata fl-akkuza, b'qerq u dana billi informa lid-Dirigenti ta' l-iskola illi omm il-minuri kienet ma tiflahx u kellha tittiehed l-isptar u sahansitra ffirma biex hareg lit-tifla tieghu mill-iskola fil-hinijiet tat-tghalim.

Illi dan jirrizulta ben provat mix-xhieda tal-minuri, mill-istqarrija ta' l-imputat, kif ukoll korroborat mill-iffirmar tal-*ledger* ta' l-iskola li tinsab ezebita fil-process (Dok.GMX a fol.149), ikkonfermata din minn *Josianne* Simione.

Illi di piu', l-korruzzjoni ta' din il-minuri sehhet fl-isfond ta' minacca da parti tal-missier illi, jekk kienet ser tibqa' twerzaq, kien sejjer jorbotilha t-*tape kannella* ma' halqha.

Illi dan il-kaz, f'dawn ic-cirkustanzi, kellu jitmexxa, u fil-fatt tmexxa, ex officjo, apparti li kif jirrizulta wkoll, l-agir da parti ta' l-imputat, sar kollu f'post espost ghall-pubbliku.

Illi l-imputat jinstab ukoll mixli bl-Artikolu 204C (1)(2)u (c) li fil-fehema ta' din il-Qorti huma kollha komprizi u nvoluti fl-akkuzi taht l-Artikolu 203 illi din il-Qorti gia' kellha l-opportunita' tippronuncja fuqhom.

Illi l-imputat gie mixli wkoll bir-reati ta' sekwestru tal-persuna ai termini ta' l-Artikolu 86 u 87(1)(g) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu:

**86.** Whosoever, without a lawful order from the competent authorities, and saving the cases where the law authorizes private individuals to apprehend offenders, arrests, detains or confines any person against the will of

the same, or provides a place for carrying out such arrest, detention or confinement, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from seven months to two years: Provided that the court may, in minor cases, award imprisonment for a term from one to three months or a fine (*multa*).

**87.** (1) The punishment for the crime referred to in the last preceding article, shall be imprisonment for a term from thirteen months to three years in each of the following cases:
*(a) omissis*
*(b) omissis*
*(c) omissis*
*(d) omissis*
*(e) omissis*
*(f) omissis*
(*g*) if the crime is committed as a means of compelling a person to do an act or to submit to treatment injurious to the modesty of that person's sex;

Qrati Maltin fil-gurisprudenza l-aktar recenti, rriteniet illi meta l-arrest jew is-sekwestru tal-persuna, ikun mezz ghal fini ta' kommissjoni ta' reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, l-akkuzat ma jistghax ukoll jinstab hati tar-reat ta' arrest illegali.

In fatti, skond l-insenjament tal-Qorti Kriminali fil-kawza **Police vs. Dennis Pandolfino et.** (Per Imhallef Dr. Joseph Galea Debono) deciza fid-19 ta' Ottubru 2006 meta s-sekwestru jew l-arrest ta' persuna jkun il-mezz sabiex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti fuq il-pudur, htija fuq reat ta' sekwestru ma tistax treggi fil-konfront ta' imputati:

***"Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.***

***Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra.***

***Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru."***

Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti illi din l-akkuza fil-konfront ta' l-imputat ma tissussistix stante li l-agir ta' l-imputat kien mezz sabiex jitwettaq ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni aggravat.

Illi ghal dawn il-motivi, u wara li l-Qorti rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, issib lill-imputat ***Omissis A***, hati tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, aggravat bil-qerq u bil-minacci u bl-axxendent, cioe l-persuna tal-missier, b'assorbiment ai fini ta' piena tar-reati mahsuba taht l-Artikoli 204C(1)(2)(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, mhux hati ta' l-arrest jew is-sekwestru llegali tal-persuna, li minnha tilliberah, u wara li rat l-Artikoli 203(1), 203(1)(b), 203(1)(c), 203(2), 204C(1)(2)(c), 197(4) u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat *Omissis A*, ghal hames (5) snin prigunerija, li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f'arrest preventiv.**

Di piu', l-Qorti tordna illi l-imputat ihallas l-ispejjez tal-perizi in korsi f'dawn il-proceduri, izda tichad it-talba ghal konfiska tal-*Omissis* bin-numru tar-registrazzjoni *omissis*,

mitluba mill-Prosekuzzjoni u dana stante' illi kif jidher mid-dokumentazzjoni tal-karozza ezebita fil-process, din il-karozza ghadha m'hijiex imhallsa u hemm 'il fuq minn elfejn euro (€ 2,000) f'pagamenti li jridu jithallsu.

Illi, in oltre', ai termini ta' l-Artikolu 203(2) u 197(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara t-telfa ta' kull Awtorita' u ta' kull jhedd mghoti lill-imputat, bhala missier, skond il-Ligi, fuq il-persuna jew il-beni tal-minuri *Omissis B*.

Di piu', il-Qorti tordna l-hrug ta' *Protection Order* kontra l-imputat *Omissis A* u favur *Omissis B* ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana wara li rat il-motivazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 412C(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-kondizzjoni li l-imputat ma ghandux javvicina, ikellem jew jikkomunika b'kwalunkwe mod ma' bintu ghal zmien tlett (3) snin mid-data tal-lum, b'dana li, pero', jekk kemm-il darba tixtieq, il-minuri *Omissis B*, din tkun tista' tara lil missierha, taht is-supervizjoni kontinwa ta' *social worker*.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatti spece tal-kaz, il-gravita' ta' l-akkuzi li bihom kien mixli l-imputat u l-hsara rrimedjabbli fuq il-minuri *Omissis B* li bhala konsegwenza ta' l-agir ta' l-imputat, kif ukoll l-*absolute denial* ta' ommha, ser tkun itturufnata minn hdan il-familja kollha taghha u dana minkejja li hija l-vittma maggjuri f'dan il-kaz li gab stragi shiha fi hdan din il-familja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------